## L I L H A. II.

Largo grave e funebre

*Nixtieq inħares lejk sakemm għajnejja*
*jitilfu d-dawl f'dagħdiegħa ta' sbuħija,*
*nixtieq nibqgħu flimkien sakemm taqbadni l-għeja,*
*l-għeja tal-laħam, tan-nervi, tal-għadam,*
*l-għeja tal-mewt.*

*Naf, għax ħassejtha jien, l-irtuba ta' xufftejk,*
*għid......għid,*
*bdejt tirtogħod meta bistek l-aħħar?*
*Għid, għid għax jien nibża' mill-mewt.*
*Naf kif dal-ħsieb ħassejtu jdamdam il-biża'*
*minn xufftejja għal żaqqi u hemm ħarbatni,*
*tellifli x-xejra tad-demm,*
*li daħal bejn l-għadam ta' rasi,*
*baħbaħli moħħi bil-ħmura,*
*bil-ħmura tal-mewt tad-demm.*

*Qabel il-mewt jibda l-uġigħ . . . . . jibda*
*jaqagħli laħmi biċċa biċċa*
*jinxifli demmi ftit ftit*
*jitqarqċu n-nervi biex ma nħossx aktar......*
*u l-mudullun, magħmul xmara ta' gomma tagħli*
*ġera ġo' għadmi...... faqa ċ-ċaqċiq tal-ġogi.*
*Ġismi qed jarmi l-qżież u l-intiena.*
*Il-laħam ta' jdejja mfellel sal-għadam*
*lest biex jimtela sax-xfar taż-żquq*
*bil-ħmieġ u l-ħdura tal-ilma qiegħed.*
*Xommu, jwaqqagħlek xahar imnifsejk bl-intiena.*
*Ix-xahar n'eżel fuq wiċċi biex igħatti l-ġrieħi,*
*għadajjar tad-demm fejn igħumu s-sangisugi.*

*Meta kultant ikollna niltaqgħu f'l-għaxija,*
*jaqbduni d-dwejjaq.*
*Naf li jien, jien, jew ma nafx li int, int?*
*U jekk ma nafx x'jien jien, int x'int,*

*kif se niġi ħdejk, bla ma naf,*
*x'inħoss jew x'naħseb, xi tħoss jew x'taħseb,*
*sewwa, sewwa?*
*Hekk kif inkun rixa fil-beraħ,*
*fil-ħemda ta' bejn il-kwiekeb,*
*imkebbeb fid-duħħan tal-melankonija,*
*nittanta naħseb, x'qed naħseb ġo fija*
*niftakar fik.... u l-ħemda tad-dlam*
*issir infern ta' ħsejjes, xmux jitqabdu,*
*it-textix tal-kiesaħ fuq is-sħun,*
*magħmul,*
*mill-ħbit ta' kewkba mejta ma' xemx żagħżugħa....*
*w ir-rixa tinfirex għas-serħan fuq il-qamar,*
*tixxawwat minn-naħa,*
*tissilleġ mill-oħra*
*titmermer fix-xejn.*
*Biex ħadd ma jiġbed?*

*Meta l-għaraq jibda nieżel ma' nagħsi,*
*u jleqq fuq ġbini,*
*meta jibda l-gdim u l-brim fi ħxejja,*
*u jaqbad itini tagħfis fir-ras,*
*inħares lejk, isserrep tferfira ma dahri,*
*naqbdek u nagħfsek fi ħdani,*
*nitilqek mitluqa fuq ħaġra żonqrija,*
*għax rajt egħfiered ħomor*
*(daqs id-demm tal-vini ta' għajnejk)*
*iduru... iduru... u dort:*
*"Għaliex schemkom il-moħqrija,*
*l-ewwel l-uġigħ u wara l-mewt?"*
*Biex kulħadd jiġbed?*

*Fejn għafsu idejk fuq laħmi,*
*hemmhekk inġabar demmi,*
*u kħal ferħan bħas-sema.*

*'Mma l-għada,*
*fl-arloġġ li għamlu snienek fuq laħmi,*

ROYAL UNIVERSITY

*rajt li sar il-ħin,*
*għedtlek saħħa bla saħħa,*
*ħriġt, u ma għalaqtx il-bieb warajja.*

*Hekk spiċċajna jien u int,*
*min jaf kemm bħalna?*
*Raddejt salib fi knisja l-għada,*
*u mar-radda,*
*ħabt lil Ġesù*
*jixxotta l-għaraq ta' fuq moħħi,*
*iwaqqaf il-brim fi ħxejja,*
*u sakemm missejt spalti,*
*ħassejt il-madmad tiegħu ħelu,*
*għafast idejja,*
*flimkien,*
*u tennejt talbi.*
*Ħallihom jiġbdu!*

Ġ. MIFSUD BONNICI.

Bormla, Mejju-Diċembru 1949.

---

## ETERNITA'.

*L-arloġġ imqabbad lejl u nhar mal-grabja*
*ta' Bir l-Eternità, u qatt għajjien*
*jimla kull kwarta saţal ilma u jitfgħu*
*bid-daqq tal-qniepen ġewwa l-wied taż-żmien.*

*U l-wied taż-żmien għaddej ikarkar miegħu*
*il-ġrajja tal-istorja: Atene u Ruma,*
*in-Nil u Babel, Alamejn u Tokjo:*
*dgħajjes tal-karta mill-kurrent maħkuma.*

*Bil-lejl, bi nhar, l-arloġġ jerja' bis-saţal;*
*'mma Bir l-Eternità ma jinxef qatt;*
*u l-arloġġ jixbah lil dak l-anġlu ċkejken*
*li deher lil Sant Wistin ma' ġenb ix-xatt.*